MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 2332/1999/1

**Rita Camilleri armla ta' Carmelo Camilleri**

**Vs**

**Maria Concetta sive Mary mart Emanuel Bianco u l-istess Emanuel Bianco**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi b'prokura tat-8 ta' Ottubru, 1998 (Dok.A) l-attrici kienet awtorizzat lill-konvenuta ohta biex ghan-nom taghha issarraf cheques, komprizi dawk tal-pensjoni, u biex tirtira l-flus taghha minn kwalunkwe bank Malti u tircievi l-interessi, liema prokura kienet giet revokata formalment b'ittra ufficjali tal-14 ta' April, 1999; u

Premess illi l-konvenuta kienet ghan-nom tal-attrici irtirat (a) mis-Savings Bonanza A/C 11841813014 f'APS Bank Ltd., Floriana s-somma ta' seba' mija disgha u disghin lira Maltin tnax il-centezmu (Lm799.12) u ta hames mija u wahda liri Maltin hamsin centezmi (Lm1,501.50.0) fid-9 ta' Novembru u fis-17 ta' Novembru, 1998 rispettivament u (a) mill-Account Number 18604628029 Bank of Valletta Ltd. , Floriana Branch, is-somma ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) u elf sittax il-lira Maltin u hames centezmi (Lm1016.05) it-tnejn fil-11 ta' Jannar, 1999 (Dok.B, C, u X, Y) - b'kollox is-somma ta' elfejn tlett mija sitta u ghoxrin lira Maltin, seba u sittin centezmi (Lm2326.67.0); u

Premess illi meta l-attrici telqet mid-dar tal-konvenuti (fejn kienet marret toqghod ghal xi zmien) inter alia hija talbithom b'ittra ufficjali tal-19 ta' April, 1999 biex jirrestitwulha l-imsemmija somom (Dok.D) il-konvenuti, ghalkemm ippretendew li l-imsemmija somom kienu gew moghtija lilhom, huma ippretendew ukoll li kienu irrendew servigi u prestazzjonijiet lill-attrici u ghalhekk is-somom mitluba mill-attrici kellha tonqos; u

Premess illi l-konvenuti offrew li jhallsu lura somma konsiderevoli mill-imsemmija somma kif jirrizulta mill-korrispondenza hawn annessa markata Dok. 1,2,3,4,5,6,7 u 8 izda ma waslux biex jiffirmaw l-iskrittura privata sabiex ihallsu s-somma imsemmija fil-korrispondenza permezz ta' rati; u

Premess illi fil-fatt il-konvenuta kienet ukoll tinkassa ic-*cheques* tal-pensjoni ta' l-attrici u anke inkassat somom ohra li kienu altru li bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-bzonnijiet taghha .

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Id-dikjarazzjoni li l-attrici qatt ma ghamlet donazzjoni lill-konvenuti tal-imsemmija somom kif ukoll id-dikjarazzjoni li jekk il-konvenuti fadallhom jiehdu xi

ammont minn ghand l-attrici ghas-servigi u prestazzjonijiet pretizi minnhom wara li jittiehdu in konsiderazzjoni l-penzjoni u somom ohra (izda mhux dawk bankarji) li kienu nkassaw dan l-ammont ghandu jitnaqqas mis-somom hawn taht mitluba.

2. M'ghandhom jigu kkundannati minn din l-Onorabbli Qorti ihallsu u jirrestitwixxu lill-attrici l-imsemmija somma totali ta' elfejn tlett mija sitta u ghoxrin lira Maltin seba u sittin centezmi (Lm2326.67.0) iritirata mill-imsemmija Banek mill-konvenuta kif fuq inghad jew somma ohra verjuri jekk ikun il-kaz ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

3. Salv drittijiet ohra.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' 8% fis-sena mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuti li huma imharrkin ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 78 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-ammont pretiz mhux dovut u dan peress illi l-attrici tat dawn il-flus lil konvenuti b'donazzjoni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, il-konvenuti ipprestaw servigi lill-attrici u ghal dan il-ghan qed tigi intavolata l-kontro-talba relattiva;

3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **il-kontro-talba tal-konvenuti** fejn ippremettew illi l-konvenuti rikonvenzjonati rrendew tali servigi u servizzi dan ghamluh bl-isperanza u bl-aspettativa ta' hlas;

U premess illi l-konvenuta rikonvenzjonata Mary Bianco hija oht l-attrici rikonvenzjonata Rita Camilleri;

U premess illi ghalkemm l-attrici rikonvenzjonata Rita Camilleri kienet mitluba biex tersaq ghal likwidazzjoni u hlas imsemmi, hija baqghet inadempjenti;

U premess illi ghalhekk il-konvenuti rikonvenzjonati kellhom jaghmlu din il-kawza;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti rikonvenzjonanti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija :

1. Tiddikjara li l-konvenuti rikonvenzjonanti huma intitolati li jircievu hlas minn ghand l-attrici rikonvenzjonata Rita Camilleri ghas-servigi u servizzi li ghamlu maghha;

2. Tillikwida l-hlas fuq imsemmi okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata thallas lill-konvenuti rikonvenzjonanti s-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet mill-prezenti sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenzjonata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti a fol 82 tal-process.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata** ghall-kontro-talba tal-imsemmija Maria Concetta sive Mary mart Emanuel Bianco u l-istess Emanuel Bianco, a fol. 85 tal-process fejn eccepiet:

Illi l-kontro-talba tal-konvenuti Bianco ghal hlas ta somma ghal servigi u servizzi li jghidu li ghamlu mal-attrici saret inutilment billi, kif jidher mic-citazzjoni prezentata mill-attrici Rita Camilleri, saret talba mill-attrici ghal dikjarazzjoni li jekk il-konvenuti Bianco fadalhom jiehdu xi ammonti minn ghand l-attrici ghas-servigi u prestazzjonijiet pretizi minnhom dan l-ammont ghandu jitnaqqas mis-somma li l-attrici qeghda titlob fic-citazzjoni.

Igifieri il-kwistjoni tal-hlas u tal-quantum tal-hlas ghall-servigi u prestazzjonijiet talvolta dovuti lill-konvenuti rikonvenzjonanti tifforma parti mill-meritu tac-citazzjoni u ghalhekk kienet diga pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti u kwindi il-kontro-talba ghal din ir-raguni ma setghetx issir u hija inamissibli u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuti rikonvenzjonanti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**FATTI**

F'dina l-kawza l-attrici qeghda titlob li l-konvenuti iroddulha lura s-somma ta' Lm2,326.67 li tirrapprezenta diversi ammonti li ngibdu mill-konvenuta mill-kontijiet bankarji f'isem l-attrici, meta l-konvenuta kienet inhatret bhala prokuratrici ta' l-attrici f'Ottubru 1998.

Illi l-attrici hija oht il-konvenuta Concetta Bianco, u ghamlet xi zmien tghix fid-dar tal-konvenuta u f'April 1999, wara li telqet mid-dar taghha, nehhitilha l-prokura li kienet taghtha.

Sa ftit zmien qabel il-kawza, l-kwistjoni bejn il-partijiet kienet waslet biex b'xi mod tigi rrangjata billi ssir kitba bejniethom, izda milli jidher mill-korrispondenza ezibita l-partijiet ma waslux fuq il-parti tat-termini tal-pagament lura tal-flus. Anke matul il-kawza kien hemm possibilta' li l-kwistjoni tigi rrangata izda b'ezitu negativ u llum l-Qorti giet mitluba taghti sentenza.

**KONTESTAZZJONI**

Illi l-attrici fic-citazzjoni u anke fl-eccezzjoni taghha ghall-kontrotalba qed taccetta li l-konvenuta hija initolta ghal xi tip ta' kumpens minhabba servigi resi izda mhiex qed taqbel fuq l-ammont li hu dovut. Skond il-korrispondenza ezibita l-attrici kienet disposta li taghtiha sa Lm700 (ara fol. 20) basta li tirritorna l-kumplament tal-flus li l-konvenuta haditilha cjoe Lm1,616 u l-oggetti tad-deheb u xi effetti ohra taghha personali.

Fix-xhieda taghha fil-Qorti l-attrici xehdet li hija kienet taghti ammonti ta’ flus lill-konvenuta konsistenti f’pensjoni, bonus u ammonti ohrajn indikati a fol. 33 fil-para 2 ammontanti ghall Lm720. L-attrici tissottometti li dina s-somma kienet bizzejjed biex il-konvenuti jithallsu ghall-perjodu li hija ghamlet maghhom (cjoe 110 gurnata) biex il-konvenuta tmantniha.

Dwar l-ammonti li kien hemm fil-bank u li l-konvenuta gibdet, l-attrici cahdet li hija qatt tghat dawn il-flus lill konvenuta bhala donazzjoni (ara fol. 32 u 124). Kieku hija ma kienitx ser tinterpella ufficjalment lill konvenuta biex tirritornalha l-flus. Anzi l-konvenuta kienet accettat li kellha tirritornahom.

Dwar l-ammont ta’ Lm300 imsemmi mill-konvenuta, dawn ma kellhom x’jaqsmu xejn ma dina l-kwistjoni u dina kienet okkazzjoni ohra qabel ma l-konvenuta nghatat il-prokura.

Minn naha l-ohra l-konvenuta  ssottomettiet li l-attrici ghamlet b’kollox hames xhur ghandha u hija kienet issajrilha, tahslilha u taqghdiha fil-bzonnijiet kollha taghha.

Dwar il-flus fil-bank il-konvenuta xehdet li kienet gibdet il-flus mill-bank u l-attrici kienet qaltilha biex izzommhom bhala rigal sabiex tkopri l-ispejjez kollha li hija kienet ghamlet. Dan kemm ghal flus fil-BOV kif ukoll fl APS.

**KONSIDERAZZONIJIET**

**Donazzjoni**

Dwar il-kwistjoni jekk l-attrici ghandhiex dritt titlob lura l-ammont ta’ Lm2,326.76 flus migbuda mill-konvenuta mill-kont intestat fuq l-attrici, il-Qorti hija tal-fehma li fil-fatt l-attrici ma kienitx iddonat dana l-ammont lill konvenuta. Mill-provi jirrizulta li l-ammonti li nhargu mill kont tal-BOV Floriana kellhom jigu trasferiti fil-kont ta’ Bugibba billi l-attrici kienet qeghdha toqghod mal-konvenuta hemmhekk. Dwar il-kont tal-APS l-attrici xehdet li l-ammont inhareg minghajr ma hija kienet taf.

L-attrici cahdet ghal darba, darbtejn, li hija kienet taghtha dawn l-ammonti ta' flus bhala donazzjoni. Skond l-attrici bl-ammonti li kienet qed taghtiha cjoe penzjoni, bonus etc (ara fol 33) il-konvenuta kienet koperta, u ma kelliex ghalfejn taghtiha elfejn u tlett mitt lira ohra. Kieku verament taghthomla ma kienitx ser tinterpellaha ufficjalment u lanqas il-konvenuta ma kienet ser taccetta li tirritornahom, kif fil-fatt accettat li taghmel (ara korrispondenza).

**Servigi**

Kwantu ghall kumpens ghall servigi resi, l-attrici qed tippretendi li bl-ammont ta' Lm720.84 li hija diga hallset lill konvenuta, kull kumpens li kien dovut lilha ghal dawk il 110 gurnata, issa thallas.

Il-Qorti ma taqbilx li bil-penzjoni biss u biz-zidiet li kienet tiehu l-attrici, kien bizzejjed biex dawn jaghmlu tajjeb ghas servigi li kienet qed taghtiha l-konvenuta fil-perjodu ta' 110 gurnata li l-attrici kienet ghandha.

Il-konvenut Emanuel Bianco pprezenta d-dokument a fol. 102 EB2 fejn indika d-diversi affarijiet li hu u l-mara tieghu kienu jaghmlu ma' l-attrici kuljum tul il-perijodu li hija ghamlet maghhom u l-ispejjez li allegatament ghamlu.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi, u arbitrio boni viri, tiddeciedi li l-konvenuti huma intitolati ghall ammont ta' Lm600 ghas servigi minnhom resi u dana oltre l-ammont ta' Lm720.84 li l-attrici kienet diga hallset.

Kwantu ghad deheb li l-attrici kienet qed titolb jidher li dana gie ritornat kollu a sodisfazzjon ta' l-attrici qabel il-prezentata tal-kawza (ara fol. 111).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi

tiddikjara li l-attrici qatt ma ghamlet donazzjoni lill-konvenuti tas-somom fuq imsemmija kif ukoll tiddikjara li l-konvenuti fadallhom jiehdu l-ammont ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) minghand l-attrici ghas-servigi u prestazzjonijiet rezi minnhom;
Tikkundanna lill konvenuti jhallsu u jirrestitwixxu lill-attrici s-somma ta’ elf seba’ mija sitta u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sittin centezmi (Lm1,726.67.0) iritirata mill-imsemmija Banek mill-konvenuta kif fuq inghad.

Tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-attrici ghall kontrotalba tal-konvenuti stante li dina saret inutilment.

Bl-ispejjez ghall-konvenuti u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------